# 1. Telefonata mill-Awstralja

Ix-xita, nieżla bil-qliel, ma kellhiex aptit tehda, u minn ħin għal ieħor, xi sajjetta kienet qed iżżarrat minn fuq s'isfel is-sema griż. Għalkemm kienu għadhom it-tlieta ta' wara nofs in-nhar, barra kien kważi dalam. Ħadd ma kien jidher fit-triq ħlief xi tfajjel ġej mill-iskola jiġri mxarrab daqs fellus. Marija kienet mehdija tgħalli ftit te u tipprepara xi pastini f'gabarrè għat-tfal, Reuben u Claire, li kienu ġejjin lura fi triqthom mill-iskola. Xtaqet li kieku r-raġel ma nzertax xogħol biex seta' jmur jiġborhom bil-karozza iżda Tony kien jaħdem minn kmieni fil-għodu sa tard bil-lejl.

Fil-kċina, minbarra Marija, kien hemm ommha Tarċisja. Li kieku mhux għax kull minuta kienet twaqqa' l-kuruna tar-rużarju ma' l-art, lanqas kont tintebaħ li qiegħda hemm. Dejjem bil-qiegħda, għas-sħana tal-forn, iżżebbeġ il-kuruna biż-żibeġ fluworixxenti bejn subgħajha mkemmxa. Minn meta żewġha Pietru miet, bintha offriet li tiġborha magħha. It-tfal kienu jħobbuha ħafna u ma ridux li toqgħod weħidha d-dar.

Hekk kif rat li t-tfal għadhom ma rritornawx bdiet tħammem:

"Kemm ħa jdumu ma jiġu? Ma nagħmlux mod li waqgħu f'xi gandott u weġġgħu? Jew żelqu u kisru xi sieq, hux? Madonna tal-Karmnu wassalhom bis-sliema," talbet waqt li qamet biex tara

jekk ix-xemgħa li kellha quddiem ir-Redentur kenitx għadha tixgħel. Kienet baqgħet tixgħelha mindu kellha lil Marija wara ħlas diffiċli. U issa kienet marret toqgħod ma' bintha bil-patt li jħalluha tixgħelhielu kuljum sakemm il-Bambin jislifha l-għomor.

"U kemm tagħmilhom bi kbar ma!" qatgħetilha kliemha bintha. "Taħseb li din l-ewwel darba li ġejjin mill-iskola fix-xita? Dawk l-hena tagħhom iċafalsu fl-għadajjar! Hawn ħa l-ajru diġà beda jiftaħ," serrħitilha moħħha Marija, waqt li marret qrib it-tieqa, li kellhom fil-kċina. Kif ħarset barra t-triq, tilmaħ ċorma tfal ġejjin, bis-*satchels* wara daharhom. "Arahom ġejjin. Aħjar inpoġġilhom qalziet u flokk fuq siġġu qrib il-forn biex jisħnu." U telqet b'ġirja lejn kamarthom, sabet il-ħwejjeġ u perrċithom quddiem il-forn.

Hekk kif daħlu, Reuben u Claire sellmu lil ommhom u lil nannithom, taw is-salt għal ħwejjiġhom imdendla mas-siġġu, u telqu bilġri lejn il-kamra tagħhom biex ibiddlu, għax ħwejjiġhom kienu mxarrbin għasra. Kemm ħadu r-ruħ x'ħin xeddu dak l-ilbies sħun u komdu li ommhom kienet dendlitilhom għas-sħana tal-forn!

Reuben u Claire kienu jmorru l-iskola sekondarja tar-raħal ta' Ħaż-Żerniq... fejn kienu joqogħdu. Reuben kellu tlettax-il sena u kien fit-tieni sena ta' l-iskola sekondarja. Claire kienet sena iżgħar. Peress li l-iskola kienet maqsuma f'żewġ blokki... wieħed għas-subien u l-ieħor għall-bniet, iż-żewġ aħwa kienu jistennew lil xulxin faċċata ta' l-iskola biex imorru lura d-dar flimkien.

"X'tgħiduli ġdid illum? Kif mortu l-iskola?" fetħet id-djalogu bis-soltu diska ommhom hekk kif newlitilhom it-te u poġġiet il-pastini f'nofs il-mejda.

"U kif trid tmur! Dejjem l-istess," qalet bintha, bejn belgħa u oħra. "Anzi llum agħar mis-soltu għax minħabba x-xita lanqas stajna noħorġu nilagħbu ftit waqt il-*break*."

"Jien ma ddejjaqtx," qal Reuben, b'pastina f'ħalqu, hu u jtaffi l-ġuħ. "Illum fil-klassi ġie tifel ġdid. Qalu li qabel kien

joqgħod il-Mosta, iżda billi l-familja tiegħu ġiet toqgħod hawn, beda jiġi l-iskola tagħna. Tgħidx kemm hu dħuli u intelliġenti! Taf x'hiex? Is-sajf l'għadda qattgħu f'kamp f'Għajn Tuffieħa... il-parti l-kbira waħdu u jsajjar hu wkoll. Kemm ħadt pjaċir nisimgħu jirrakkontali l-praspar li ltaqa' magħhom waqt li kien qed jikkampja. Issa għandu jġibli logħba ġdida tal-kompjuter li ġabhielu zijuh mill-Ingilterra."

"X'jismu?" staqsiet Claire.

"Fabian. Fabian Borg," weġibha minnufih ħuha waqt li qabad pastina oħra. "U anke *mobile* għandu. Ġabu l-iskola llum u tgħidx kemm dħakna meta beda jdoqqlu waqt il-lezzjoni tal-J*aguar*".

"Isma', isma'," għajtet b'ton sever ommu, "dak għandu isem. Mr Borg u ħallik mill-J*aguar*!"

"Imbierek Alla x'ġuħ għandek! Jaqaw ma kilt xejn l-iskola?" fetħet l-attakk nanntu meta rat lil Reuben jaqbad pastina oħra.

"Ix-xita tiftaħli l-aptit u meta niftakar li nhar it-Tlieta sejrin jibdew il-vaganzi tal-Milied niftaħ aptit akbar," weġibha Reuben issa li kien dara jiddefendi ruħu quddiem l-insistenza tagħha biex jiekol.

"Iss... jien ħsibtu ser jgħid li l-pastini ġewni tajbin!" fendiet kumment omm Reuben b'ton ta' min ħa għalih.

"U mela ma ġewx tajbin," qalilha binha bid-daħka, "mela int xi darba tagħmel xi ħaġa ħażina!"

"Aħjar ma toqgħodx tiekol wisq," ġibditlu siequ oħtu. "Żaqqek qed taqbiżlek 'il barra ċentimetru kuljum!"

Reuben ma kienx se jħalliha ħelwa għal melħa imma malajr ikkalmat is-sitwazzjoni ommhom.

"Isa! Morru ibdew il-*homework* ħalli tfittxu tlestuh, għax illum għandi biċċa xogħol għalikom, u jekk twettquha tajjeb, tibdew is-sena b'ħames liri żieda fil-but."

It-tfal ġennewha biex tgħidilhom x'inhu dan ix-xogħol, iżda ommhom żammet sod u baqgħet tinsisti li jridu jagħmlu l-*homework* l-ewwel. U għaldaqstant it-tfal telqu b'ġirja lejn kamarthom, issakkru ġewwa u ntefgħu fuq xogħolhom.

Dak inhar fil-għodu, waqt li t-tfal kienu l-iskola, Marija rċeviet telefonata mhux tas-soltu mill-Awstralja. Kienet Ġulina... li kellha dar mhux bogħod wisq minn tagħhom. Qaltilha li għal nofs Jannar hi u l-familja kienu ġejjin iqattgħu xi jiem f'Malta u talbitha tnaddfilhom ftit id-dar. Qaltilha wkoll li jekk taċċetta kienet ser tħallasha tajjeb. Marija ma kinitx taf tgħid le u għalhekk aċċettat. Kienet taf tajjeb li bilkemm setgħet tlaħħaq mal-faċendi tagħha aħseb u ara ma' ta' ħaddieħor iżda ġietha idea. Tgħid lil uliedha biex imorru jnaddfuha huma. U l-flus jeħduhom huma kif kien xieraq.

Id-dar ta' Ġulina ma kinitx waħda żgħira, iżda bi ftit sforz, uliedha setgħu jnaddfuha sew. F'waħda mill-vaganzi li l-familja ta' Ġulina għamlet m'ilux kienet ħalliet iċ-ċavetta tad-dar għand Marija ħalli jekk tinqala' xi ħaġa fid-dar tkun tista' tiftaħ hi.

Bilkemm għaddiet siegħa li Reuben u Claire ma niżlux jaqbżu t-turġien tlieta tlieta u kollhom fuq ix-xwiek, daru qaqoċċa m'ommhom.

"Ma, il-*homework* kollu lest. Issa fissrilna l-biċċa xogħol tiegħek x'inhi," qaltilha f'nifs wieħed Claire.

U l-omm bdiet tgħidilhom x'riedet minn għandhom Ġulina.

"Mhux hekk tgħid!" ħatafha Reuben. "Mela ma nagħmilx il-vaganzi tal-Milied ninqatel fid-dar ta' Ġulina? Għid appa! Tikri seftura 'kk itrid."

"Ħallini nispiċċa Reu. Din il-biċċa xogħol m'intomx ser tagħmluha karità. Ġulina qaltli li ta' dan ser tħallasni sew, u billi x-xogħol ser tkunu għamiltuh intom, il-flus teħduhom intom. U ibqa' ċert li biex tnaddfuha m'intomx ser iddumu xi seklu. Ġurnata jew tnejn."

"U kemm ser ittina?" staqsa bi ftit aktar interess Reuben, wara li ħasibha ftit.

"Ma semmitlix ammonti iżda tafu kemm għandhom flus dawk in-nies! U żgur mhumiex se jixxaħħu magħkom," kompliet ħajritu ommu.


Greta

"Orrajt mela," ikkonkludiet Claire, "jien lesta nidħlilha. Però int ukoll trid tmidd idejk tafx!"

"Uliedi," indaħlet fin-nofs in-nanna Tarċisja, "bla flus la tgħannaq u anqas tbus. Reuben, opportunità biex tagħmel sold titlifhiex għax għad tfittixha u ma ssibhiex. Eh... l-istrina tiegħi kienet tkun xi tliet soldi, u darba f'mitt qamar, sikspens."

"Jien lest ngħin ukoll iżda qabel xejn irrid inkun naf fejn ser innaddaf. Mhux ser nikkommetti ruħi qabel ma nkun dort dawra sew mad-dar. Ħeqq... ħadd ma jixtri għalqa jekk ma jkunx għadu raha."

"U kemm sirt bravu wkoll!" għaddietu biż-żufjett Claire. "Issa mmorru nittawlu s'hemm u mbagħad ara int. Fil-każ li ma tiġix, il-flus ingawdihom kollha jien!"

"Meta? Il-lejla? Mela qed tiġġennu?" tkażat in-nanna Tarċisja. "Mela m'intomx tisimgħu dix-xita nieżla? Sewwa timbokkaw xi pulmonite u tgħaddu l-Milied fis-sodda jew l-isptar! Ara ma tmorrux taf għax..."

"U le le," qatgħalha kliemha Reuben. "M'aħniex sejrin il-lejla. Immorru għada wara l-iskola. Għada l-Ġimgħa u ma jkollniex bżonn nagħmlu l-*homework* kollu f'salt."

U fteħmu li l-għada fil-għaxija, wara l-iskola jmorru jarawha. Dik il-lejla ħadd ma xiref barra. Claire rat episodju ta' F*riends* u Reuben għamel kwarta medhi b'logħba tal-kompjuter. U wara li teftfu xi ħaġa ta' l-ikel, l-aħwa telgħu f'kamarthom, intefgħu bħal xkora mimlija f'soddithom u raqdu.